MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 268/2015 LM

**Stefan Said (K.I. Numru 241879M) eżerċenti l-kummerċ bħala Gardentech**

***vs.***

**Alfred Mifsud u Hilda Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Marzu, 2015 minn **Stefan Said** (K.I. Numru 241879M) **eżerċenti l-kummerċ bħala Gardentech**, (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti kien ġie mogħti mill-intimati kuntratt ta' appalt ta' xogħlijiet konsistenti fi skavar, kostruzzjoni u xogħol relatat ieħor fil-fond bl-isem 'Razzett Santa Marija', Sqaq San Mikiel, fi Triq il-Fidloqqom, Għaxaq;*

2. *Illi dan ix-xogħol ġie esegwit skont l-istruzzjonijiet mogħtija lill-esponenti mill-intimati;*

3. *Illi l-intimati huma debituri versu r-rikorrenti fis-somma ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta lir-rikorrenti in konnessjoni mal-appalt lilu mogħti mill-intimati u minnu eżegwit, flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-valur totali tal-appalt u dana skont l-anness rendikont markat Dok. "A";*

4. *Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi anke permezz ta' ittra legali u diversi ittri uffiċjali hawn annessi u mmarkati Dok. 'B' sa 'E' biex jersqu għall-ħlas tal-bilanċ dovut, l-intimati baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu għalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex din il-Qorti:*

1. *Tiddikjara li hija dovuta lir-rikorrenti s-somma bilanċjali ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta lir-rikorrenti in konnessjoni mal-appalt lilu mogħti mill-intimati u minnu esegwit fil-fond bl-isem "Razzett Santa Marija", Sqaq San Mikiel, fi Triq il-Fidloqqom, Għaxaq, flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq il-valur totali tal-appalt;*

2. *Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-bilanċ imsemmi ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56) bl-imgħax kummerċjali mis-16 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru, li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, dawk tal-ittra legali datata 27 ta' Novembru 2013 u tal-ittri uffiċjali tat-23 ta' Ottubru 2014, 27 ta' Jannar 2014 u 19 ta' Diċembru 2014 kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Alfred Mifsud** (K.I. Numru 636561M) u **Hilda Mifsud** (K.I. Numru 337662M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-16 ta' April, 2015, u maħlufa minn Alfred Mifsud stess, fejn eċċepew:

1. *Illi t-talbiet attriċi għal ħlas ma jistgħux jiġu milqugħa u dana stante li hemm parti sostanzjali tax-xogħlijiet esegwiti mill-attur li ma sarux skont l-arti u s-sengħa. L-*

*attur minkejja li ġie ripetutament interpellat sabiex jirrimedja tali xogħlijiet baqa' però inadempjenti.*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mill-attur mhux korrett u dana primarjament – iżda mhux limitatament – minħabba li:*

(i) *L-attur qiegħed jikkomputa t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq ammonti li diġà jikkomprendu tali taxxa u dana kif ser jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

(ii) *Il-kont maħruġ mill-attur huwa wieħed esaġerat u dan ukoll kif sejjer jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

<u>*DIKJARAZZJONI*</u>

*Il-konvenut Alfred Mifsud jikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:*

1) *Illi hemm parti rilevanti tax-xogħlijiet esegwiti mill-attur li ma sarux skont l-arti u s-sengħa u dana kif jirriżulta mill-anness rapport imħejji mill-Perit Hector Zammit (Dok. 'A'). Dan il-fatt ġie debitament miġjub għall-attenzjoni tal-attur anki permezz ta' ittri uffiċjali (Dok. 'B' u 'Ċ') permezz ta' liema l-attur intalab li jirrimedja dawn ix-xogħlijiet iżda sal-lum huwa baqa' inadempjenti;*

2) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kont maħruġ mill-attur huwa wkoll kontestat u dan għaliex l-attur meta oriġinarjament kien ta r-rati tiegħu huwa kien ikkwota rati li kienu ġia jikkomprendu l-VAT, filwaqt li fil-kont finali huwa reġa' kkomputa l-VAT fuq dawn ir-rati;*

3) *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kont tal-attur huwa wieħed esaġerat u dana kif jista' aħjar jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4) *Illi l-kontestazzjoni tal-eċċipjenti rigward il-kont finali maħruġ mill-attur ġiet ukoll debitament notifikata lill-attur permezz taż-żewġ ittri uffiċjali fuq imsemmija.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Ġunju 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur bħala appaltatur ingħata l-inkarigu mill-konvenuti għal xogħol ta' skavar, kostruzzjoni u xogħol ieħor relatat fil-fond bl-isem 'Razzett Santa Marija', Sqaq San Mikiel, Triq il-Fidloqqom, Ħal Għaxaq. L-attur jgħid li huwa wettaq ix-xogħlijiet fuq struzzjonijiet mogħtija lilu mill-konvenuti, partikolarment mill-konvenut Alfred Mifsud li kien ikun preżenti diversi drabi waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li l-attur tqabbad jagħmel. L-attur ippreżenta din il-kawża għax isostni li l-konvenuti huma debituri tiegħu fis-somma ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56), li magħhom trid tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud. Dan l-ammont jifforma parti minn bilanċ akbar li parti minnu diġà tħallset mill-konvenuti. L-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tiegħu fis-somma ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56), b'rabta mal-appalt mogħti lilu u

li ġie eżegwit minnu fi proprjetà tal-konvenuti, flimkien mal-imgħax kummerċjali mis-16 ta' Ottubru, 2013, sad-data tal-ħlas.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti wieġbu li l-pretensjoni tal-attur qiegħda tiġi kkontestata minnhom għax parti sostanzjali mix-xogħlijiet imwettqa mill-attur ma sarx skont is-sengħa u l-art, u minkejja li l-attur intalab jirrimedja, huwa baqa' inadempjenti. Il-konvenuti jgħidu li l-ammont pretiż mill-attur mhuwiex korrett, u li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-VAT fuq l-ammont miftiehem bejn il-partijiet li diġà kien jinkludi l-VAT. Barra minn hekk il-konvenuti eċċepew ukoll li l-ammont mitlub mill-attur huwa wieħed esaġerat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors maħluf l-attur ippreżenta kopja ta' fattura maħruġa minnu fis-16 ta' Jannar, 2015 f'isem Alfred u Hilda Micallef *(sic)*[1], fejn jingħad li l-bilanċ dovut lilu mill-konvenuti kien ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56) bil-VAT inkluża, u fejn l-attur talab lill-konvenuti jersqu għall-ħlas għax skont dak li kiteb f'din l-istess fattura, huwa kien ilu erba' xhur jistenna li jitħallas. L-attur ippreżenta wkoll kopji ta' ittri uffiċjali li huwa kien bagħat lill-konvenuti fejn interpellahom għall-ħlas, liema ittri uffiċjali jġibu d-data tat-23 ta' Ottubru, 2014[2], tat-27 ta' Jannar, 2014[3], tad-19 ta' Diċembru, 2013[4], kif ukoll kopja ta' ittra legali tas-27

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] *A fol.* 8 tal-proċess.
[4] *A fol.* 9 tal-proċess.

ta' Novembru, 2013, li permezz tagħha l-attur talab lill-konvenuti jersqu għall-ħlas ta' dak dovut minnhom.[5]

Min-naħa tagħhom il-konvenuti ppreżentaw kopja ta' rapport tal-**Perit Hector Zammit**, li għamel *condition report* tal-fond 'Razzett Santa Marija', Sqaq San Mikiel, Triq il-Fidloqqom, Għaxaq[6], fejn elenka d-diversi difetti li kkonstata meta għamel spezzjoni viżwali tal-fond, fosthom soqfa li mhumiex uniformi fl-għoli tagħhom, difetti fl-allinjament tal-ħitan, difetti fit-tqegħid tal-paviment, difetti mal-ħitan ta' barra, kif ukoll difetti fil-mod kif sar il-kontrabejt.

Il-konvenuti ppreżentaw ukoll kopja tal-ittri uffiċjali li huma bagħtu bħala risposta għall-ittri uffiċjali mibgħuta lilhom mill-attur, fejn irrespinġew il-pretensjonijiet tiegħu stante li parti sostanzjali mix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti u anki għaliex huma ma jaqblux mal-ammont pretiż mill-attur.[7]

Fl-*affidavit* tiegħu l-**Perit Aaron Abela**[8] qal li huwa kien ingħata l-inkarigu mill-konvenuti sabiex jagħmel spezzjoni fuq 'Razzett Santa Marija', ġewwa Sqaq San Mikiel, Triq il-Fidloqqom, bejn il-Gudja u Ħal Għaxaq, għall-ħabta ta' Marzu tal-2010. Spjega li meta ngħata dan l-inkarigu, hu mar fuq is-sit u beda jieħu ritratti tal-binja, kemm fl-istat oriġinali tagħha kif ukoll fil-fażi ta' meta bdew isiru x-xogħlijiet mill-attur, għalkemm qal li wara li bdew ix-xogħlijiet huwa ma kienx ġie ikkonsultat aktar mill-konvenuti u għalhekk ma marx aktar fuq is-sit. Ix-xhud qal li ftit taż-żmien qabel huwa kien tkellem mal-attur li kien qiegħed jagħmel xogħlijiet fl-imsemmi fond, u l-attur kien qallu li kellu xi

[5] *A fol.* 10 tal-proċess.
[6] *A fol.* 20 tal-proċess.
[7] *A fol.* 24 u 25 tal-proċess.
[8] *A fol.* 43 tal-proċess.

ritratti tal-fond kif kien qabel bdew ix-xogħlijiet, u tal-istess fond wara li bdew ix-xogħlijiet.

Permezz ta' digriet tat-30 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti ħatret lill-**Perit Godwin Abela** bħala espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi, wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-atti kollha tal-kawża u jagħmel l-osservazzjonijiet tekniċi tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-każ.

L-ewwel espert tekniku maħtur mill-Qorti, il-**Perit Alan Saliba**, li eventwalment kien irrinunzja għall-inkarigu mogħti lilu f'dawn il-proċeduri, permezz ta' nota tal-25 ta' Settembru 2017, ippreżenta għadd ta' dokumenti[9], fosthom diversi ritratti tal-fond inkwistjoni meħuda minnu waqt aċċess li kien sar fid-29 ta' Ottubru, 2015[10]; irċevuti fiskali maħruġa mill-attur fejn jidher li dan tħallas is-somma ta' €12,000 (tnax-il elf Euro) għal xogħol ta' kostruzzjoni li għamel[11]; ritratt[12]; *affidavit* tal-konvenuta Hilda Mifsud[13]; kopja ta' *email* tas-7 ta' April, 2014[14]; notamenti dwar il-volum tax-xogħol u l-prezz pretiż[15]; *affidavit* ta' Kevin Borg[16]; kopja ta' *email* tas-7 ta' Lulju, 2014 fejn il-Perit tal-attur Mark Camilleri li ppropona xi tnaqqis fil-kont maħruġ minnu[17]; *affidavit* ta' Marisa Said[18]; *affidavit* tal-Perit Mark Camilleri[19]; *affidavit* tal-attur Stefan Said[20]; nota tal-attur b'għadd ta' dokumenti annessi[21]; *affidavit* tal-konvenut

[9] *A fol.* 58 *et seq* tal-proċess.
[10] *A fol.* 60 tal-proċess.
[11] *A fol.* 66 u 67 tal-proċess.
[12] *A fol.* 68 tal-proċess.
[13] *A fol.* 69 tal-proċess.
[14] *A fol.* 80 tal-proċess.
[15] *A fol.* 85 tal-proċess.
[16] *A fol.* 86 tal-proċess.
[17] *A fol.* 88 tal-proċess.
[18] *A fol.* 90 tal-proċess.
[19] *A fol.* 93 tal-proċess.
[20] *A fol.* 95 tal-proċess.

Alfred Mifsud[22], kif ukoll it-traskrizzjonijiet tas-seduti u l-verbal tal-aċċess miżmum mill-Perit Alan Saliba.[23]

Fl-*affidavit* tagħha l-konvenuta **Hilda Mifsud**[24] qalet li l-attur kien ħabib tal-familja, u kien għalhekk li hi u r-raġel tagħha qabbduh jagħmel xi xogħlijiet fil-proprjetà tagħhom. Qalet li hi u r-raġel kienu jmorru fuq il-post wara li jagħlqu l-ħanut li huma għandhom f'Ħaż-Żabbar, għall-ħabta tan-nofs siegħa, u diversi drabi la kienu jsibu lill-attur u lanqas lill-ħaddiema tiegħu. Il-konvenuta qalet li kien hemm drabi meta hi u r-raġel tagħha marru fil-post meta kienu jkunu fi triqithom lejn il-ħanut, li jiftħuh fit-tmienja u nofs ta' filgħodu, u anki dak il-ħin, kien hemm drabi meta l-ħaddiema ma kinux ikunu għadhom waslu fuq il-post. Żiedet tgħid li fi żmien il-kaċċa, kien hemm drabi meta l-attur kien jieħu s-senter u l-kelba miegħu u joqgħod bis-senter f'idu f'għalqa li hemm fil-parti ta' wara tal-proprjetà tagħhom. Il-konvenuta qalet ukoll li meta kien qiegħed isir it-tħaffir fil-post, magna partikolari li kienet tintuża mill-attur u mil-lavrant tiegħu kienet tkun bil-ħsara u b'hekk intilef ħafna ħin. Qalet ukoll li kien hemm episodju partikolari fejn l-attur kien mar fil-ħanut tal-konvenuti flimkien mal-mara tiegħu, sabiex jgħaddilhom xi kontijiet, u r-raġel tagħha kien ilmenta li dan il-kont kien ibbażat fuq is-sigħat u mhux fuq il-volum jew il-qies tax-xogħlijiet. Il-konvenuta qalet li kull darba li l-attur kien jitlobhom pagament, ir-raġel tagħha kien jistaqsieh kemm għandhom iħallsu, u l-ħlas kien isir minkejja li l-attur qatt ma kien joħroġ kontijiet. Il-konvenuta qalet ukoll li hi u r-raġel tagħha qatt ma ndaħlu jew iddiskutew il-materjal li għandu jintuża għat-taħlita tal-kisi ta' barra, u l-unika ħaġa li ddiskutew mal-attur kienet l-iskala tal-kulur, għax riedu li dan jiġi jaqbel mal-ħajt li kellhom. Il-konvenuta qalet li l-bejt kien

[21] *A fol.* 121 *et seq.* tal-proċess.
[22] *A fol.* 125 tal-proċess.
[23] *A fol.* 150 tal-proċess.
[24] *A fol.* 69 tal-proċess.

beda jżomm ħafna għadajjar tal-ilma, u li kien hemm partijiet mill-bejt fejn l-wiċċ tal-bejt kien inqala'. Il-konvenuta qalet ukoll li meta hi u żewġha bdew inaddfu l-post tagħhom wara li tlestew ix-xogħlijiet, huma kienu sabu li t-travi tal-kċina kienu mgħawġin, u dwarhom kienu kellmu lill-ħaddiem li kien ikun fuq il-post mal-attur.

Fl-*affidavit* tiegħu **Kevin Borg**[25] qal li hu jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u li ilu jagħmel dan ix-xogħol għal madwar ħdax-il sena. Qal li hu beda jaħdem fuq il-proprjetà tal-konvenuti sa mill-bidu nett li kien inbeda x-xogħol fuqha. Meta mar fuq il-post huwa kien ra speċi ta' razzett imwaqqa', b'ħafna ġebel ħdejn parti mill-istruttura. Ix-xhud qal li kull darba li ltaqa' mal-konvenut, dan qatt ma kien isemmi problemi jew jilmenta minn xi difetti fix-xogħol, u l-konvenut kien imur fuq il-post kuljum, meta kien ikun hemm il-ħaddiema fuq il-post. Ix-xhud qal li x-xogħol kien isir permezz ta' *generator,* minħabba li ma kienx hemm dawl fuq is-sit, u l-ewwel ħaġa li saret kienet li tnaddaf it-terrapien li kien hemm fil-kmamar, imbagħad kienu bdew jirranġaw kamra li kienet tinsab wara l-borġ ġebel, u kien sar tranġar tal-kċina u tal-parti ta' ġewwa tar-razzett. Ix-xhud qal li ħafna mix-xogħol kien isir bl-użu ta' ġebel mill-imsemmi borġ ġebel li kien hemm fuq is-sit. Qal li wara li tlesta l-bini, kien sar ix-xogħol fuq il-faċċata tal-garaxx, u wara kien sar xogħol ta' tħaffir f'kantina u ġiebja, u wara kien sar xogħol fuq *shaft.* Qal li l-kantina kien qattagħha hu kollha kemm hi, u t-tħaffir fuqha kien beda fit-2 ta' Mejju, 2011 u spiċċa fid-29 ta' Lulju, 2011. Ix-xhud qal li t-tħaffir sar bl-użu ta' gaffa żgħira, tneħħa t-terrapien ta' fuq il-blat, u xħin inkixef il-blat beda t-tqattigħ. Ix-xhud kompla jgħid li l-konvenut dejjem kien ikun preżenti waqt it-tqattigħ, u għalhekk dan jaf kemm kien meħtieġ

[25] *A fol.* 86 tal-proċess.

xogħol min-naħa tal-attur. Ix-xhud qal ukoll li x-xogħol sar permezz ta' *excavator* ta' erba' piedi, u *bobcat* tal-erba' piedi ukoll, sabiex ma ssirx ħsara lill-istruttura. Kompla jgħid li x-xogħol fuq il-bejt sar billi l-ewwel inbena saqaf finta tax-xorok, ġew installati żewġ pulzieri *jablo,* sar saqaf tal-*bricks* u ngħata l-konkos. Qal illi l-ftehim li kellhom il-partijiet kien li l-attur kellu jagħmel il-qlib, filwaqt li l-konvenut kellu jagħmel il-*membrane* tal-bejt u l-madum ta' fuq il-bejt. Spjega li l-qlib sar bil-*gradient* sabiex il-paviment ikun jista' jinkesa bil-madum, minħabba li dak kien il-ftehim li l-atturi kellhom mal-konvenut. Ix-xhud kompla jgħid li t-tikħil tal-parti ta' barra tad-dar tal-konvenut sar minnu, u hu kien għamel ix-xogħol skont struzzjonijiet li ngħata mill-konvenut stess, u b'materjal mixtri mill-ħanut tal-konvenut. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li hu u l-attur kemm-il darba wissew lill-konvenut li t-taħlita tal-materjal ma kinitx tajba għat-tikħil, iżda l-konvenut kien baqa' jinsisti li t-taħlita kif proposta minnu kienet tajba.

Fl-*affidavit* tagħha **Marisa Said**[26], mart l-attur, qalet li hija taf li r-raġel tagħha kien ġie inkarigat jagħmel xi xogħlijiet fir-razzett tal-konvenuti. Qalet li wara li żewġha u l-lavrant tiegħu kienu lestew mit-tħaffir tal-kantina, il-konvenut kien talab lill-attur biex jagħtih stima oħra tax-xogħol, u huma kienu marru fl-uffiċċju fil-ħanut tal-konvenut sabiex jagħtuh stima ġdida, u din kienet ġiet aċċettata mill-konvenut. Ix-xhud qalet li l-konvenut kien kuntent bix-xogħol li kien qiegħed isir fir-razzett mill-attur, u kien għalhekk li hu talbu jagħmel xogħlijiet oħra fl-istess fond. Ix-xhud qalet li dakinhar kien hemm preżenti wkoll il-mara tal-konvenut, u dakinhar il-partijiet kienu tkellmu dwar il-fatt li s-somma pretiża mill-attur ma kinitx tinkludi l-VAT, li kellha titħallas apparti. Ix-

[26] *A fol.* 90 tal-proċess.

xhud żiedet tgħid li fil-bidu, ir-raġel tagħha kien beda jħallas il-VAT minn butu, minħabba li l-*invoices* ma kinux jinkludu l-VAT, iżda meta ra li l-konvenut ma kienx qiegħed iħallsu, l-attur waqaf joħroġlu l-kontijiet, u beda jqis il-pagamenti li jsiru lilu bħala ħlasijiet akkont.

Fl-*affidavit* tiegħu **l-Perit Mark Camilleri**[27] qal li hu kien ġie inkarigat mill-attur sabiex jagħmel spezzjoni fuq fond f'Ħal Għaxaq, fejn l-attur kien għamel xogħol ta' restawr u kostruzzjoni fil-proprjetà tal-konvenut. Żied jgħid li hu għamel l-ispezzjoni tiegħu flimkien mal-Perit Hector Zammit, il-perit tal-konvenut. Qal li waqt din l-ispezzjoni, il-konvenuti ma kinux ippermettew lill-attur jidħol fil-proprjetà tagħhom. Spjega li waqt dan l-aċċess, hu kien ġie muri xi xogħlijiet li l-konvenuti qalu li kienu saru mill-attur, u li ma kinux għas-sodisfazzjon tagħhom, fosthom saqaf tal-kċina li ma kienx invell, il-madum tal-kċina li kien tqiegħed mal-art qabel din ġiet invellata, ħajt li jagħti għall-kamra tal-banju li ukoll ma kienx miksi sew, u ilmentaw ukoll mill-fatt li l-konkos li ntuża għall-bejt ma kienx ta' kwalità tajba. Ix-xhud qal li peress li l-attur ma kienx tħalla jidħol fil-proprjetà tal-konvenuti għal dan l-aċċess, hu ma setax jieħu l-kummenti tiegħu fir-rigward tal-allegazzjonijiet li saru dwaru mill-konvenuti. Ix-xhud kompla jgħid li wara li saret din l-ispezzjoni, hu kien iddiskuta mal-attur dak li kien ra, partikolarment rigward il-qlib fit-travi tal-kċina, li kienu pjuttost viżibbli, u kif ukoll dwar dak li ntqal mill-konvenuti rigward il-qlib fil-ħitan u l-kwalità tal-konkos fis-soqfa. Qal li hu kien ikkwantifika wkoll x'materjal żejjed kellu bżonn jintuża biex isir ix-xogħol ta' riparazzjoni meħtieġ, għalkemm kien stabbilixxa wkoll li kien hemm bżonn ta' aktar testijiet sabiex ikun jista' jingħata valur għal uħud mid-danni li l-

[27] *A fol.* 93 tal-proċess.

konvenuti jallegaw li sofrew. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li hu informa lill-konvenuti b'din ir-riduzzjoni fil-kont tal-attur, dawn baqgħu qatt ma tawh tweġiba. Ix-xhud fl-aħħar nett qal li sakemm ma jsirux testijiet appożiti fuq is-soqfa, u fuq il-kwalità tal-konkos li ntużat, hu ma jistax jivverifika l-allegazzjonijiet li għamel il-konvenut.

Fl-*affidavit* tiegħu, l-attur **Stefan Said** qal li għandu liċenzja ta' bennej, u ilu jaħdem f'dan ix-xogħol għal aktar minn ħmistax-il sena. Żied jgħid li kien lejn l-aħħar tas-sena 2009, li hu kien ġie avviċinat minn ċertu Christopher Camilleri, li kien infurmah li l-kunjatu tiegħu kien akkwista razzett fil-Gudja, u li kellu bżonn li jsiru xi xogħlijiet fih. Qal li hu kien mar fuq il-post sabiex jara l-kundizzjoni tiegħu, fejn ir-razzett inkwistjoni ma kellux soqfa, u l-ħitan kellhom biss nofs l-għoli peress li l-kumplament tal-ħitan kienu ġġarrfu. Qal li r-razzett kien f'kundizzjoni "diżastruża". Żied jgħid li dakinhar Mifsud kien infurmah li xtaq jgħolli l-ħitan tar-razzett biex jagħmel is-soqfa tiegħu, u jġibu f'kundizzjoni abitabbli. Qal li hu kien ħareġ stima għall-konvenut, li kien qassam kamra kamra, u kif kellu l-istima f'idu, il-konvenut kien talbu jibda x-xogħol minnufih. Qal ukoll li hu kien beda x-xogħol wara xi żmien, u fuq dan il-post kien imur jaħdem flimkien mal-lavrant tiegħu, Kevin Borg. Spjega li x-xogħol beda billi hu u l-lavrant tiegħu kixfu l-ħitan li kienu mirduma bil-ġebel li kien waqa' minnhom stess, u kienu sabu li l-ewwel tliet filati ħitan kienu mherrijin u kellhom il-ħsara, u għalhekk ma kinux jifilħu l-piż fuqhom. L-attur qal li f'din is-sitwazzjoni huwa kien informa lill-konvenut li ma setax jibqa' jaħdem bil-mod miftiehem, minħabba ċ-ċirkostanzi imprevisti li rriżultaw fuq il-post. Qal li l-konvenut fehem is-sitwazzjoni, u li l-attur ma setax jibqa' jaħdem bl-istima oriġinali, u għalhekk kien intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li l-attur kellu jaħdem bil-ġurnata, jibda jitħallas tas-sigħat li jagħmel fuq il-post, u

tal-materjal li jixtri. L-attur qal li Mifsud kien tah struzzjonijiet biex jikxef il-pedamenti, itella' l-ħitan mill-bidu u jagħmel is-soqfa tar-razzett, b'mod li joħloq replika tar-razzett kif kien oriġinarjament. Qal li hu flimkien ma' żewġ lavranti, dam jeżegwixxi dan l-inkarigu għal perijodu ta' sena, u hu kien ħareġ ħames kontijiet lill-konvenuti, li kien għaddiehomlhom waqt l-andament tal-kostruzzjoni. Żied jgħid li dawn il-kontijiet ma jinkludux il-prezz tax-xiri tal-materjal. L-attur qal li l-konvenuti għamlu diversi ħlasijiet akkont permezz ta' ċekkijiet ta' madwar tlett elef Euro l-wieħed, u żied jgħid li dawn ma kinux iservu għax-xiri tal-materjal u għall-pagi li huwa kellu jħallas. Qal li l-konvenut kien jaċċertah li dawn kienu ħlasijiet akkont, u li eventwalment kien ser iħallsu l-bilanċ dovut. Qal li l-konvenut kien dejjem iwiegħdu li l-bilanċ kien ser iħallsu hekk kif ir-razzett ikun lest. L-attur qal li fi Frar tal-2011, hu kellu jissottometti r-*returns* tal-VAT, u minkejja li l-konvenut ma kienx ħallsu, hu kien ħallas il-VAT dovuta minn butu. L-attur qal li l-konvenut kien imur fuq il-lant tax-xogħol darbtejn kuljum, u kien jaħdem fuq pjanti li kien jgħaddilu l-konvenut. Qal li kien hemm drabi meta l-konvenut kien jagħti daqqa t'id fix-xogħol li kien meħtieġ li jsir fuq il-post. L-attur qal li wara li lesta l-bini tal-istruttura tar-razzett li hu kien prattikament bena mill-ġdid, il-konvenut kien tah struzzjonijiet ġodda biex iħaffer kantina kbira taħt il-bitħa u l-garaxx tar-razzett, u hu għamel dan ix-xogħol fil-perijodu bejn it-2 ta' Mejju, 2011 sad-29 ta' Lulju, 2011. Qal li wara t-tħaffir ta' din il-kantina, il-konvenut kien talbu stima oħra għall-bini tal-kantina, u l-konvenut kien aċċetta din l-istima tax-xogħlijiet u talbu jkompli bix-xogħol. L-attur qal li preċedentement, il-konvenut kien diġà aċċetta li jħallas ir-rata ta' wieħed u għoxrin euro fis-siegħa għat-tħaffir li kien meħtieġ li jsir, u għal darb'oħra l-konvenut aċċetta li jħallas dawn ir-rati għax-xogħol ta' tħaffir li kien meħtieġ. Żied jgħid li peress li l-

konvenut ried inaqqas l-ispejjeż, kien hemm drabi fejn il-konvenut stess kien jassisti lill-attur f'ċerti xogħlijiet, u qal li l-konvenut kien jaf li meta l-post issaqqaf ma kienx sar kontrabejt, u l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-saqaf kellu jkun tal-*bricks*, jingħata l-konkos u jsir bil-qlib, filwaqt li l-konvenut kellu jagħmel il-*membrane* sal-bejt u l-madum. Spjega li l-qlib tal-bejt sar b'tali mod li fuqu kellu jitqiegħed il-madum, u kieku l-konvenut infurmah li ma kienx fi ħsiebu jqiegħed madum fuq il-bejt, hu kien jaħdem mod ieħor. L-attur qal li kien hu li rrakkomanda lill-konvenut jinkariga lill-Perit Aaron Abela sabiex jissorvelja x-xogħol, iżda il-Perit Abela ma riedx jibqa' joffri s-servizzi tiegħu għax il-konvenut qajla kien jisma' mis-suġġerimenti tiegħu. Kompla jgħid li anki meta l-konvenut beda jilmenta mill-kwalità tax-xogħol tal-attur, u kienet saret spezzjoni fir-razzett inkwistjoni, il-konvenuti ma kinux ħallew lill-attur jidħol fil-fond, u għalhekk huwa ma setax jikkonstata x'tip ta' difetti kienu qegħdin jilmentaw minnhom il-konvenuti. L-attur qal li wara li kkonferma mal-perit tiegħu x'ilmenti kellu l-konvenut, huwa kien offra li jnaqqas seba' mija u ħamsin Euro (€750) mill-kont finali tal-konvenuti, iżda minkejja li kien għamel din il-proposta, xorta waħda baqa' ma sema' xejn mingħand il-konvenut. Qal li sussegwentement, f'tentattiv ieħor biex il-partijiet jipprovaw jaslu, hu kien offra li jnaqqas elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) mill-kont finali. L-attur għamel riferiment għal uħud mill-allegati difetti li lmentaw minnhom il-konvenuti, u qal li t-tikħil tal-faċċata tar-razzett tal-konvenuti veru beda jfarfar, iżda l-konvenut kien ikun preżenti waqt ix-xogħol, u kien ikun hu li jissuġġerixxi lill-attur x'materjal u doża ta' materjal kellha tintuża biex isir ix-xogħol meħtieġ.

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut Alfred Mifsud qal li hu u l-mara tiegħu kienu xtraw razzett bejn Ħal Għaxaq u l-Gudja, li kien nofsu mwaqqa', u wara li xtrawh kellhom bżonn lil xi ħadd biex jgħinhom jirranġawh. Qal li r-raġel tat-

tifla tiegħu kien ħabib tal-attur, u kien laqqgħu miegħu, u l-ewwel inkarigu li kien ta lill-attur kien il-bini ta' tliet ikmamar u s-saqaf tagħhom. Żied jgħid li f'kamra minnhom kellu jsir nofs saqaf biss, u fiż-żewġt ikmamar l-oħra kellhom jogħlew il-ħitan u jissaqqfu. Qal li hu kien talab stima lill-attur għax-xogħol li kien hemm bżonn isir, u din l-istima l-attur għaddihielu ġimgħa wara, kienu laħqu qbil dwarha, u għalhekk l-attur beda x-xogħol. Il-konvenut żied jgħid li madwar ħmistax wara, l-attur kien qallu li fil-parti fejn hemm il-kċina kien hemm xi ġebel li beda jfarfar u ma setax jibni fuqu. Wara ftit taż-żmien l-attur kien infurmah ukoll li ma setax ikompli jaħdem bl-istima oriġinali għax kien hemm ħafna aktar xogħol milli kien maħsub. Il-konvenut qal li kien għalhekk li l-attur ipproponielu sabiex jinsew l-istima oriġinali, u l-ħlas isir bis-sigħat, u l-konvenuti kienu qablu ma' dan. Żied jgħid però li l-attur baqa' ma tax stima dwar kemm kellu jkun il-ħlas fis-siegħa. Il-konvenut qal li x-xogħol inbeda, u darba fost l-oħrajn, hekk kif il-lavrant tal-attur neħħa x-xorok tas-saqaf, ċeda ħajt minnhom, u għalhekk kellu jerġa' jinbena. Il-konvenut qal li dan il-ħajt ma kienx iċedi u jaqa' li kieku x-xogħol fuqu sar bil-galbu mill-ewwel. Il-konvenut kompla jgħid li waqt li kienu għaddejjin bix-xogħlijiet, huwa kien jitlob lill-attur jgħaddilu l-kontijiet tax-xogħol li kien laħaq lesta, u dan kien dejjem iwiegħdu li ser jgħaddilu l-kontijiet, iżda dawn baqgħu ma waslux. Ix-xhud qal li madanakollu l-attur kien jitlob ħlasijiet mingħand il-konvenuti b'mod regolari, u l-konvenut kien iħallsu. Il-konvenut żied jgħid li meta l-attur kien lesta madwar tliet kwarti tal-binja, il-konvenut kien iddeċieda li jkompli jħaffer bir li kien hemm fuq il-post, u kien diġà sab ħaddiem li kien lest li jagħmel dan ix-xogħol bi prezz maqbul miegħu. Kompla jgħid li l-attur staqsieh kemm kien ser iħallas għal dan ix-xogħol, u kien offra li jkompli bit-tħaffir hu. Il-konvenut żied jgħid li meta tlestew l-ewwel tliet kmamar u tneħħa l-armar tal-bini u tnaddfu

l-kmamar, huwa kien induna li hemm difetti fl-invell tat-travi tal-kamra tal-kċina, u kien informa b'dan lil Kevin Borg, il-lavrant tal-attur. Dan Kevin Borg kien wiegħed li ser ikellem lill-attur biex jirrimedja s-sitwazzjoni. Il-konvenut żied jgħid li wara li sar ix-xogħol ta' tħaffir u tliet kwarti tal-bini, l-attur kien ġie l-uffiċċju tiegħu b'xi kontijiet, u kien ippreżentalu kontijiet separati għall-bini u għat-tħaffir. Qal ukoll li huwa kien ikkontesta l-kont tat-tħaffir peress li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas għat-tħaffir kellu jsir bis-siegħa, minkejja li l-konvenut kien informa lill-attur li huwa kellu stima ta' ħlas bil-kejl. Il-konvenut qal wkoll li ma kienx minnu dak li xehed Kevin Borg li x-xogħol ma setax isir b'inġenji kbar biex isir fi żmien iqsar. Il-konvenut qal li peress li huwa kkontesta dawn il-kontijiet, l-attur kien qallu li kien ser jara x'seta' jagħmel sabiex inaqqas il-kontijiet, u kien għalhekk li l-konvenut qal lill-attur biex jibqa' għaddej bix-xogħol, inkluż ix-xogħol tat-tikħil tal-ħitan ta' barra. Il-konvenut żied jgħid li huwa kien qal lill-attur sabiex ilesti l-bejt bil-kontrabejt biex jilqa' x-xita u bil-katusi, u kien qal lil Kevin Borg jagħmillu sistema minn fejn jinżel l-ilma fil-katusi, għax dak iż-żmien ma kienx komdu biżżejjed li jagħmel l-art bil-madum. Il-konvenut qal li ftit ġimgħat wara li kien sar il-bejt, bdew jinqalgħu partijiet mill-wiċċ tal-bejt, u hu kien informa b'dan lill-attur, li kien bagħat lil Kevin Borg biex jirranġah. Xi żmien wara, din il-parti tal-wiċċ tal-bejt kienet reġgħet inqalgħet. Qal li dak iż-żmien l-attur kien ammetta li kien hemm xi ħaġa ħażina, għalkemm qal li ma kienx jaf x'kienet ir-raġuni għalfejn il-ħsara baqgħet timmanifesta ruħha. Kien dak iż-żmien, kompla jgħid il-konvenut, li l-attur beda jinsisti miegħu li jitħallas ta' kollox, iżda l-konvenut kien infurmah li huwa kien dispost li jħallas ta' kollox hekk kif il-problemi kollha jiġu solvuti. Il-konvenut żied jgħid li f'Novembru tal-2013, huwa kien irċieva ittra mingħand l-avukat tal-attur li kien talab il-ħlas tal-ammont indikat fil-kontijiet li kienu diġà

ntbagħtu lilu, u mal-ammonti oriġinali mitluba kienet żdiedet ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud. Il-konvenut qal li hu ma kellu l-ebda indikazzjoni li l-ammonti mitluba oriġinarjament mill-attur ma kinux jinkludu ukoll il-VAT. Il-konvenut qal li hu kien inkariga perit sabiex jikkonstata jekk ix-xogħol kienx sar tajjeb jew le, u żied jgħid li kienet saret spezzjoni tal-fond mill-perit tal-attur u l-perit maħtur tal-konvenuti sabiex jiġi kkonstatat jekk kienx hemm xi difetti fix-xogħol. Il-konvenut qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni fid-dar tiegħu, huwa kien iddeċida li ma jdaħħalx lill-attur f'daru għax meta hu kien ġibidlu l-attenzjoni dwar xogħol li sar ħażin, dan kien għażel li jinjorah. Il-konvenut qal li l-proposti li saru mill-attur għal tnaqqis fil-kontijiet ma kinux aċċettabbli għalih, għax hu kellu stima f'idejh li biex jitranġa l-invell tat-travi fis-saqaf, kellu jagħmel spiża ta' tlettax-il elf Euro (€13,000) minbarra l-VAT. Il-konvenut żied jgħid li l-attur qiegħed jippretendi li jitħallas għal numru ta' sigħat, imma meta hu kien imur fuq il-lant tax-xogħol diversi drabi, qatt ma kien isib lill-attur hemm, u l-attur kien jieqaf mix-xogħol kmieni wara nofsinhar. Qal ukoll li mhux minnu li l-attur kien għaddielu xi kontijiet waqt li kien għadu għaddej bix-xogħlijiet, u lanqas mhu minnu li l-attur ġieli għaddielu xi kontijiet għal xi materjal li kien xtara. Il-konvenut ċaħad li hu qatt indaħal dwar il-materjal li kellu jintuża fit-tikħil.

Il-**Perit Alan Saliba** għamel għadd ta' seduti għas-smigħ tax-xhieda, u waqt l-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016 kien sema' l-kontroeżami tal-attur **Stefan Said**.[28] F'dik l-udjenza l-attur kien qal li huwa kien ta stimi bil-fomm u bil-kitba lill-konvenut, u b'riferiment għall-kont ta' Awwissu 2009, l-attur qal li dik l-istima kienet żbaljata u l-partijiet ma baqgħux jaħdmu fuqha. Ix-xhud qal ukoll li fil-kamra ż-żgħira fuq wara tal-proprjetà ma kienx hemm problemi, u l-problemi

[28] *A fol.* 157 tal-proċess.

nqalgħu meta beda x-xogħol fuq il-kċina, peress li l-parti t'isfel tal-ħajt kienet mherrija. L-attur qal li waqt li kien għadu għaddej bix-xogħol, huwa kien ħareġ erba' kontijiet. L-attur qal li kien hemm drabi fejn ma kienx ħadem fost il-ġimgħa, u kien hemm drabi meta ħadem anki fi tmiem il-ġimgħa. Żied jgħid li kull darba li talab il-flus lill-konvenut dan kien iħallsu, iżdail-flus li ħallas ma kinux biżżejjed għax-xogħol li kien sar. L-attur qal ukoll li l-ħlasijiet ta' tlett elef Euro (€3000) li kienu jsiru mill-konvenut ma kinux jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud. L-attur qal li mhux minnu li huwa kellu jlesti l-bejt, billi l-konvenut kien qallu li huwa kien ser jagħmel il-*liquid membrane* u jlesti l-bejt bil-madum.

Il-kontroeżami ta' **Marisa Said** sar waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2016[29], li qalet li kienet akkumpanjat lil żewġha fil-ħanut tal-konvenut f'żewġ okkażjonijiet, u rigward il-kontijiet relattivi, l-konvenut kien ilmenta dwar l-ammont pretiż mill-attur, imma ma kienx ilmenta dwar il-kwalità tax-xogħol.

Il-kontroeżami tax-xhud **Kevin Borg** sar waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2016[30], fejn qal li x-xogħol fil-proprjetà tal-konvenuti ma setax isir b'inġenji kbar għax ma kienx hemm biżżejjed spazju fil-proprjetà inkwistjoni. Dan ix-xhud ikkonferma li kien il-konvenut li kien talab li jsir xogħol preparatorju sabiex fuq il-bejt tal-proprjetà tiegħu jkun jista' jagħmel il-*membrane* u l-madum. Ix-xhud qal ukoll li mhux minnu li hu u l-attur kienu għamlu xi żmien weqfin mix-xogħol.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 xehed il-**Perit Hector Zammit**[31], li qal li l-konvenuti kienu talbuh imur jara r-residenza tagħhom, u hu kien ħejja

[29] *A fol.* 164 tal-proċess.
[30] *A fol.* 167 tal-proċess.
[31] *A fol.* 173 tal-proċess.

rapport bil-konstatazzjonijiet tiegħu. Ix-xhud qal li rriżultalu li kien hemm difett fil-qlib tas-saqaf, u sabiex jitranġa dan id-difett hemm bżonn li s-saqaf jiżżarma. Qal ukoll li fuq dan is-saqaf tax-xorok, hemm saqaf ieħor tal-*bricks*. Ix-xhud żied jgħid li kien hemm problemi bil-ħitan ta' barra għax kien hemm partijiet minnhom fejn kien waqa' t-tikħil, u żied jgħid li dan jindika li d-difett ma kienx fil-materjal imma fix-xogħol. Qal li hu ma jafx il-partijiet x'arranġament kellhom bejniethom dwar is-saqaf, għax dan hu tal-*bricks* u fih forma ta' qlib, u għalhekk kien intenzjonat bħala bejt. Qal ukoll li meta mar fuq il-post, dan il-bejt kien diġà ġie mgħotti bil-*membrane.* Dwar l-ammonti pretiżi mill-attur, ix-xhud qal:

> "Mistoqsi l-figura ta' €76,000 eskluża l-VAT tagħmilx sens għax-xogħlijiet fil-kwistjoni, inwieġeb illi x-xogħlijiet li saru kif spjegawli l-klijenti, din il-figura hija għolja għax-xogħlijiet li saru. Kont għamilt ukoll eżerċizzju fejn kont ikkalkulajt li kien hemm 168 metri kubi skavar li għalihom qed jintalab ħlas ta' €14,075 eskluż il-VAT li jekk wieħed jikkonsidra €15 kull metru kubu dan jammonta għal €2,500 filwaqt li bil-figura mitluba kienu jsiru 938 metri kubi u mhux 168 metri kubi. Jekk tikkalkulaha bil-ġurnata bir-rata ta' €11.60 s-siegħa li kien qed juża l-kuntrattur stess għax-xogħol l-ieħor, dan jammonta għal 151 ġurnata ta' xogħol li jfissru 25 ġimgħa jekk jaħdem sitt ijiem fil-ġimgħa, ċioe nofs sena. Jekk tapplika r-rata ta' €21, l-istess xogħol jammonta għal erba' xhur. Il-168 metri kubi jirrappreżenta blat mastizz mingħajr ebda konsiderazzjoni għal kwalunkwe vojt bħal bir li seta' jkun hemm jew materjal minflok blat.
>
> Skont fol. 11 ir-rikorrenti qed jitolbu l-ammont ta' €42,085 (€50,803.69-€8,718.69) għall-'*man days'* li jfissru 453.5 ġranet li huma esaġerati għall-alterazzjonijiet li rajt."

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar, 2017, sar il-kontroeżami tal-**Perit Hector Zammit**[32], li qal li huwa kien ikkonstata li fil-fond tal-konvenuti kien hemm bini antik li kien twaqqa' u reġa' nbena f'sular wieħed.

[32] *A fol.* 178 tal-proċess.

Il-Perit tekniku l-**Perit Godwin Abela** ppreżenta r-relazzjoni tiegħu fil-11 ta' Frar, 2019[33], fejn ikkonstata li l-attur ingħata appalt mill-konvenuti mingħajr kuntratt jew skrittura ffirmata miż-żewġ partijiet, iżda b'rata fis-siegħa. Mill-*orthophotos* esebiti, jirriżulta li l-fond mixtri mill-konvenuti kien wieħed dilapidat u mingħajr soqfa, b'borġ radam fejn illum hemm il-garaxx, u l-appalt oriġinali kien għall-bini ta' ħitan u soqfa, għalkemm eventwalment dan l-appalt ġie estiż biex jinkludi aktar bini, skavar u l-*finishes* esterni. Ġie kkonstatat ukoll li dawn ix-xogħlijiet saru mingħajr l-involviment jew s-superviżjoni ta' perit, għalkemm fil-bidu kien hemm l-involviment tal-Perit Aaron Abela. Il-perit tekniku ġudizzjarju kkonstata wkoll li mill-provi mressqa ma jirriżultax li l-attur ippreżenta lill-konvenuti dokument bir-rati fis-siegħa jew fil-ġurnata li abbażi tiegħu kien sar il-ftehim, u ma kien hemm l-ebda dokument iffirmat miż-żewġ partijiet bil-konferma li tali ftehim jeżisti. Il-perit tekniku Godwin Abela kkonstata wkoll li l-ħlas totali pretiż mill-attur kien jammonta għal disgħin elf u tnejn u tletin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€90,032.64), u l-konvenuti kienu ħallsu akkont is-somma ta' sitta u tletin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€63,793.95). Għax-xogħlijiet imwettqa minnu l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas tal-bilanċ ta' sitta u għoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€26,238.69), u fuq dan l-ammont, l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas tal-VAT fl-ammont ta' sittax il-elf, mitejn u ħames Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€16,205.88). Il-konvenuti qegħdin jikkontestaw dawn l-ammonti u jsostnu li l-attur kellu jagħmel xogħol ta' skavar bir-rata ta' LM10 għal kull jarda kubu (€17.80 għal kull metru kubu), u barra minn hekk isostnu li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Il-konvenuti ppreżentaw stima ta' sbatax-il elf, tliet

[33] *A fol.* 196 tal-proċess.

mija u tletin Euro (€17,330) bħala spejjeż meħtieġa sabiex jiġu indirizzati u rranġati l-allegati difetti riżultanti mix-xogħlijiet imwettqa mill-attur. L-attur qed jippretendi l-ħlas ta' erbatax-il elf u ħamsa u sebgħin Euro (€14,075) għall-iskavar tal-kantina fejn hemm il-garaxx, li ġiet magħquda ma' bir eżistenti. L-perit tekniku Godwin Abela qal li l-prezz tal-iskavar tas-sit huwa wieħed esaġerat. Fil-parti konklussiva tar-rapport tiegħu, il-Perit Godwin Abela qal li fil-fehma tiegħu l-ispiża totali tax-xogħlijiet imwettqa mill-attur għandha tammonta għal tmenin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€80,357.64), u dan wara li tnaqqas l-ammont ta' disat elef, sitt mija u ħamsa u sebgħin Euro (€9,675) mill-kont tal-iskavar li l-perit tekniku qies li huwa wieħed "esaġerat". L-perit tekniku kkonkluda wkoll li l-ħlas ta' VAT dovut lill-attur mill-konvenuti għandu jkun ta' erbatax-il elf, erba' mija u erbgħa u sittin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€14,464.38), li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta' elf, tmien mija u tletin Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,830.51) bħala VAT li diġà tħallset fuq l-irċevuti maħruġin, sabiex b'hekk il-bilanċ ta' VAT dovuta huwa ta' tnax-il elf, sitt mija u tlieta u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€12,633.87). L-perit tekniku Godwin Abela kkonstata wkoll li l-ħlasijiet li saru mill-konvenuti lill-attur kienu ta' tlieta u sittin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€63,793.95), biex b'hekk jibqa' bilanċ pendenti favur l-attur ta' sittax-il elf, ħames mija u tlieta u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€16,563.69). Il-perit tekniku qal li x-xogħlijiet rimedjali li jeħtieġ li jsiru minħabba x-xogħol difettuż tal-attur, jammontaw għal disat elef, ħames mija u tletin Euro (€9,530), liema ammont għandu jitnaqqas mill-bilanċ dovut lill-attur mill-konvenuti, sabiex b'hekk jifdal biex jitħallas bilanċ ta' sebat elef, u tlieta u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€7,033.69) għax-xogħlijiet imwettqa

mill-attur, u l-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija u tlieta u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€12,633.87) bħala VAT, u għalhekk is-somma totali li għandha titħallas mill-konvenuti lill-attur hija ta' dsatax-il elf, sitt mija u sebgħa u sittin Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€19,667.56).

Kemm l-attur u kemm il-konvenuti ressqu d-domandi tagħhom għall-eskussjoni tal-perit tekniku ġudizzjarju Godwin Abela[34], u dawn id-domandi ġew imwieġba mill-istess perit permezz ta' żewġ noti separati.[35] Fost dettalji oħra, il-Perit Godwin Abela wieġeb li hu kien ra *footnote* f'kont maħruġ mill-attur fejn ġie speċifikat li l-VAT ma kinitx inkluża. L-perit tekniku ġudizzjarju speċifika wkoll li hu ma kellux għalfejn jistabbilixxi r-rata ta' ħlas għal kull ġurnata ta' xogħol għax il-konvenuti kienu qablu mal-proposta tal-attur li x-xogħol jiġi kkalkulat bil-ġurnata, u skont ir-rata proposta minnu.

Waqt l-udjenza tas-17 ta' Ġunju, 2019, xehed il-perit tekniku ġudizzjarju Godwin Abela in eskussjoni[36], fejn ta spjegazzjonijiet ulterjuri għar-risposti mogħtija minnu bil-miktub.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti evalwat il-provi li tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet. Il-vertenza bejn il-partijiet hija li filwaqt li l-attur qiegħed jivvanta pretensjoni għall-ħlas tax-xogħlijiet imwettqa minnu fis-somma ta' disgħa u tletin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Euro, u sitta u ħamsin ċenteżmu (€39,258.56), flimkien mal-VAT fuq il-valur totali tal-appalt, li l-attur jgħid li

[34] *A fol.* 229 *et seq.* tal-proċess.
[35] *A fol.* 234 u 235 tal-proċess.
[36] *A fol.* 241 tal-proċess.

jammonta b'kollox għal €90,032.64, min-naħa tagħhom il-konvenuti qegħdin jgħidu li l-imsemmi ammont mhux dovut minnhom għax ix-xogħlijiet imwettqa mill-attur ma sarux skont is-sengħa u l-arti u huma jqisu l-ammont pretiż mill-attur huwa wieħed esaġerat.

Mill-provi jirriżulta li meta l-konvenuti akkwistaw il-proprjetà bl-isem "Razzett Santa Marija", Sqaq San Mikiel, Triq il-Fidloqqom, Għaxaq, huma kellhom bżonn is-servizzi ta' appaltatur li seta' jagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fl-istess proprjetà. Mill-*orthophotos* esebiti in atti, jirriżulta li din il-proprjetà kienet fi stat dilapidat meta ġiet akkwistata mill-konvenuti, u għalhekk l-ewwel inkarigu li ngħata lill-attur kien xogħol ta' kostruzzjoni li kellu jsir fl-imsemmija proprjetà. Jirriżulta li bejn il-partijiet ma kienx sar ftehim bil-miktub dwar ir-rata li biha kellu jitħallas l-attur għal dan l-appalt, għalkemm mill-provi jirriżulta li minkejja li l-attur oriġinarjament kien ta stima li kienu qablu magħha l-konvenuti, madwar ġimagħtejn wara li beda x-xogħol, peress li kien meħtieġ li jsir ferm aktar xogħol milli kien oriġinarjament maħsub, il-partijiet ftiehmu li l-attur kellu jibda jitħallas bil-ġurnata għax-xogħol li kien meħtieġ li jsir, minflok ma jimxu mal-istima li kienu ftiehmu dwarha qabel. Jirriżulta wkoll li l-partijiet ma għamlux ftehim bil-miktub dwar kemm kellha tkun ir-rata ta' ħlas bil-ġurnata għal dan ix-xogħol. Minkejja dan, l-attur ikkonferma li l-konvenuti kienu jħallsuh kull darba li hu kien jitlobhom flus għal xogħlu.

Mill-provi jirriżulta li wara li l-attur lesta mix-xogħol ta' kostruzzjoni, huwa kien ngħata xogħol ieħor mill-konvenuti, bħal xogħol ta' tħaffir u skavar u xogħol ta' tikħil tal-faċċata u tal-bjut. Imma wara li tlestew ix-xogħlijiet u beda x-xogħol ta' tindif tal-fond, bdew jiġu skoperti ċerti difetti fix-xogħol, fosthom

soqfa li ma kinux uniformi fl-għoli tagħhom, difetti fl-allinjament tal-ħitan, difetti fit-tqegħid tal-paviment, difetti fit-tqegħid tal-kontrabejt u difetti fil-ħitan ta' barra. L-eżistenza ta' tali difetti fix-xogħol ġiet stabbilita kemm mill-perit *ex parte* inkarigat mill-konvenuti Hector Zammit, kif ukoll mill-perit tekniku ġudizzjarju Godwin Abela. Il-Perit Hector Zammit xehed li sabiex titranġa l-ħsara li hemm f'wieħed mis-soqfa, hemm il-ħtieġa li dan is-saqaf jiżżarma, u żied jgħid li fejn waqa' t-tikħil minn mal-ħitan, dan seħħ minħabba il-mod ħażin kif sar ix-xogħol mill-attur u mhux minħabba xi difett fil-materjal.

L-perit tekniku ġudizzjarju Godwin Abela kkonstata li x-xogħol ma sarx taħt is-superviżjoni ta' perit, u għalkemm fil-bidu tal-proġett kien hemm l-involviment tal-Perit Aaron Abela, dan xehed li huwa ma baqax jiffrekwenta s-sit, għax ma baqax jiġi avviċinat mill-konvenuti. L-perit tekniku ġudizzjarju kkonstata li l-pretensjoni tal-attur hija għal ħlas totali ta' disgħin elf, u tnejn u tletin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€90,032.64), li minnhom il-konvenuti diġà ħallsu s-somma ta' tlieta u sittin elf, seba' mija u tlieta u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€63,793.95). Dan ifisser li l-bilanċ pretiż mill-attur għall-appalt eżegwit minnu, jammonta għal sitta u għoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€26,238.69), filwaqt li l-attur qiegħed jippretendi l-ħlas ta' sittax-il elf, mitejn u ħames Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€16,205.88) bħala taxxa fuq il-valur miżjud, bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%) fuq il-prezz totali tal-appalt ta' disgħin elf, u tnejn u tletin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€90,032.64).

Il-perit ġudizzjarju Godwin Abela kkonkluda li l-pretensjoni tal-attur hija esaġerata tenut kont tax-xogħlijiet li huwa kkonstata li saru, u għalhekk l-ammont ta' disgħin elf, u tnejn u tletin Euro u erbgħa u sittin ċenteżmu

(€90,032.64) għandu jiġi mnaqqas għal tmenin elf, tliet mija u ħamsa u sebgħin Euro u erba' u sittin ċenteżmu (€80,357.64).

Fid-deċiżjoni tagħha dwar x'għandu jkun il-ħlas mill-konvenuti għax-xogħlijiet li għamel l-attur fil-post tagħhom, il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit ġudizzjarju Godwin Abela. F'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li, għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u l-Qorti mhijiex tenuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha, il-*giudizio dell'arte* kif espress mill-perit tekniku m'għandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġjonevoli. Il-Qorti m'għandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-espert ġudizzjarju, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kappriċċuż.[37]

Barra minn hekk il-perit ġudizzjarju Godwin Abela fir-rapport tiegħu stabbilixxa li x-xogħlijiet rimedjali li hemm bżonn isiru mill-konvenuti fil-fond tagħhom sabiex jitranġaw ix-xogħlijiet difettużi li saru mill-attur, jammontaw għal disat elef, ħames mija u tletin Euro (€9,530), liema somma l-Qorti tqis li hija waħda raġjonevoli, tenut kont ta' dak li qal fix-xhieda tiegħu l-perit tekniku *ex parte* Hector Zammit li sabiex jitranġaw id-difetti fis-saqaf, hemm bżonn li s-saqaf jiżżarma kollu. L-attur Stefan Said u l-lavrant tiegħu Kevin Borg xehdu li l-konvenut kien jindaħal dwar il-mod kif kellu jsir ix-xogħol, u kien anki jissuġġerixxi x'materjali għandhom jużaw u liema kwantitajiet għandhom jintużaw fit-taħlita sabiex il-materjal iżomm. Madanakollu l-perit tekniku *ex*

[37] Q.A., **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat** [1967] Vol.LI.I.390; u Q.A., **Philip Grima *vs.* Carmelo Mamo**, 29.05.1998.

*parte* Hector Zammit, xehed li t-tikħil ma żammx mhux minħabba difetti fil-materjal, imma b'riżultat tal-mod ta' kif sar ix-xogħol. Mill-assjem tal-provi li ġew prodotti, il-Qorti tqis li huwa l-attur li wieġeb għall-imsemmija nuqqasijiet u għalhekk il-Qorti sejra tordna li jitnaqqas l-ammont ta' disat elef, ħames mija u tletin Euro (€9,530) kif indikat mill-perit ġudizzjarju mill-ammont totali li għandu jitħallas lill-attur, sabiex b'hekk jifdal bilanċ ta' sebat elef u tlieta u tletin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€7,033.69) li għandhom jitħallsu mill-konvenuti lill-attur għax-xogħlijiet imwettqa minnu. It-taxxa fuq il-valur miżjud għandha titħallas mill-konvenuti fuq il-valur attwali tal-appalt, jiġifieri is-somma ta' €80,357.64 li minnha trid titnaqqas is-somma ta' €9,530, li tirrappreżenta x-xogħlijiet rimedjali li jeħtieġ li jsiru. Għalhekk it-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas mill-konvenuti hija 18% x €70,827.64 = €12,748.98. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas l-ammont ta' €1,830.51 bħala VAT fuq l-*invoices* li diġà tħallsu mill-konvenuti, sabiex il-bilanċ tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovut mill-konvenuti huwa ta' €10,918.47.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur is-somma ta' €7,033.69 rappreżentanti l-bilanċ dovut għax-xogħlijiet ta' appalt imwettqa minnu, kif ukoll is-somma ta' €10,918.47 rappreżentanti l-bilanċ tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta mill-konvenuti, u ċjoé is-somma totali ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€17,952.16).

__Decide__

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara li hija dovuta lill-attur is-somma bilanċjali totali ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€17,952.16), bis-somma ta' €7,033.69 rappreżentanti ħlas ta' xogħlijiet in konnessjoni ma' appalt mogħti mill-konvenuti lill-attur u minnu esegwit fil-fond bl-isem "Razzett Santa Marija", Sqaq San Mikiel, fi Triq il-Fidloqqom, Għaxaq, u bis-somma ta' €10,918.47 rappreżentanti bilanċ tat-taxxa fuq il-valur miżjud li għadha dovuta;**

2. **Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-bilanċ imsemmi ta' sbatax-il elf, disa' mija u tnejn u ħamsin Euro u sittax-il ċenteżmu (€17,952.16), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**